MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. CASSAR JOSEPH LL.D.

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2002

Numru 89/2000

MAGISTRAT:
DR.JOSEPH CASSAR BA., LL.D

**Il-Pulizija**
(Spettur Carmelo Magri)
**Vs**
**Joseph Mallia**

Illum 6 ta` Novembru 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Mallia ta` 30 sena, bin Salvatore sive Saviour u Maria Dolores nee` Mifsud. Imwieled Victoria Ghawdex, fil-25 ta` Mejju 1969 u

residenti 4, Magazine Junction, Floriana, u tenur tal-Karta ta` L-Identita 28469(G)

Talli fil-21 ta` April 1998, ghall-habta tas-6.00 p.m. fil-Gzira, ikkommetejt serq ta` vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni JAS 215 ghall-valur li jcedi l-elf lira Maltija (Lm1,000), ghad-dannu ta` Joseph Pace mill-Gzira, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

Talli fis-27 ta` April 1998 u fil-granet ta` qabel, xjentament, ilqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwestati b`reat sew jekk dan sar f`Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentament b`kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Tallifl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe fuq il-vettura Fiat Una JAS 215 u apparat kontenut fiha, liema hsara teccedi il-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira Maltin;

Talli fl-24 ta` April 1998, bejn it-3.00 a.m. u il-4.45p.m. f`Attard, ikkommetejt serq ta` zewg cheque-books tal-Mid Med Bank, apparat telefoniku, apparat ta` Hi-fi, haversack u sett cwievet mill-vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni IAM 353, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu tal-Mid Med Bank u Joseph Grima minn tas-Sliema;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentament, ilqajt ghandek hwejjeg misruqa, cioe l-oggetti imsemmija fl-ahhar paragrafu qabel dan, mehuda b`qerq jew akkwestati b`reat sew jekk dan sar f`Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentament b`kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

Semeghet ix-xhieda bil-gurament
Rat l-Atti u d-dokumenti
Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih

Rat in-nota ta` L-Avukat Generali.

Issibu hati skond dawn l-Artikoli li gejjin
Rat l-Artikoli 18, 261 (b) (c) (g) (f), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 325, 183, 167 u 308 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 28A tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ser tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu li titama li l-akkuzat wara din l-esperjenza joqbad triq ohra.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tar-reati li jaqghu that l-artikoli fuq imsemmija u tilliberah minn l-akkuzi l-ohra tikkundanah sentejn (2) prigunerija liema sentenza m`ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien erba` (4) snin m`illum.

Il-Qorti qed twissi lill-akkuzat ‘a tenur’ ta` l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodici Kriminali

Vera Kopja.

Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Mario Mifsud
Dep Reg.